**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 16 ta' Mejju 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 50/2014JVC**

**George u Miriam konjugi Borg**

**Vs**

**George Gino u Elisabeth konjugi Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:-

1. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar ta' l-elf disa' mija u erbgha u disghin, il-kumpanija Main Gate Company Limited kienet hadet self minghand Bank of Valletta Plc liema self gie kkawtelat fost ohrajn:- b'ipoteka generali fuq l-assi kollha tal-kumpanija msemmija kif ukoll b'ipoteka specjali fuq fond li kien proprjeta' tal-kumpanija fl-indirizz tlieta u erbghin, Triq Putirjal, Victoria, Ghawdex; kif ukoll permezz ta' garanzija pprestata mill-garanti Konrad u Nathalie konjugi Scicluna li pprestaw ipoteka generali fuq il-beni kollha taghhom prezenti u futuri u ipoteka specjali fuq il-fond taghhom fl-indirizz Oasis, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex; kif ukoll permezz ta' garanzija pprestata mill-garanti l-konvenuti George Gino u Elisabeth konjugi Camilleri li pprestaw ipoteka generali fuq il-beni kollha taghhom prezenti u futuri u ipoteka specjali fuq il-proprjeta' taghhom fl-indirizz Iris, Triq is-Sajjieda, Fontana, Ghawdex b'garaxx anness; liema ipoteka iggib in-numru I232/1994.

2. Illi eventwalment il-Bank of Valletta Plc ghamel *call in* u talab minghand il-garanti kollha s-somma ta' wiehed u tletin elf hames mija u hamsa u sebghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm31,575.75). In oltre l-bank kien gia beda proceduri gudizzjarji.

3. Illi b'din il-*call in* u b'dawn il-proceduri l-interessi ta' l-atturi kienu ser jigu effettwati negattivament,u ghalhekk l-atturi kienu kostretti illi jhallsu huma d-

dejn kollu li kien hemm mal-bank, peress illi la l-kumpanija u lanqas il-garanti l-ohra ma dehru disposti li jhallsu.

4. Illi fil-fatt l-atturi hallsu minn buthom d-debitu intier, fl-interess ta' kulhadd, fl-ammont ta' wiehed u tletin elf hames mija u hamsa u sebghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm31,575.75), u dan permezz ta' att pubbliku ricevut min-Nutar Dottor Michael Refalo tal-erbgha (4) ta' Gunju tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997).

5. Illi fuq dak l-att l-atturi gew surrogati fid-drittijiet kollha godenti mill-bank fir-rigward tal-konvenuti u fir-rigward tal-garanti l-ohra, inkluzi d-drittijiet ipotekarji.

6. Illi sehem il-konvenuti minn dan id-debitu kien jammonta ghall- hamsa u tletin fil-mija (35%) li jammonta ghalhekk ghall-hamsa u ghoxrin elf seba' mija u tlieta u erbghin ewro u ghaxar centezmi (€25,743.10) pari ghal hdax-il elf u wiehed u hamsin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM11,051.51).

7. Illi l-atturi ghandhom ukoll id-dritt ghall-imghaxijiet bl-istess rata li biha kien qed jintaxxa l-Bank of Valletta Plc, cioe ta' tmienja fil-mija (8%).

8. Illi minkejja illi gew interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu li hu dovut minnhom personalment, il-konvenuti dejjem baqghu nadempjenti.

9. Illi dan ir-rikors qed jigi mahluf minn l-attur George Borg li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf seba' mija u tlieta u erbghin ewro u ghaxar centezmi (€25,743.10) pari ghal hdax-il elf u wiehed u hamsin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM11,051.51).

2. Tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront tal-atturi ghal dawk l-imghaxijiet fuq din is-somma bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) annwalment, dekorribbli mill-erbgha (4) ta' Gunju tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) sad-data tal-hlas effettiv.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf seba' mija u tlieta u erbghin ewro u ghaxar centezmi (€25,743.10) pari ghal hdax-il elf u wiehed u hamsin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM11,051,51), flimkien ma' l-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena dekorribbli mill-erbgha (4) ta' Gunju tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-12 ta' Mejju 2014 u dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' Gunju 2014. U bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari hemm l-intempestivita' tal-azzjoni attrici stante li bejn il-partijiet jezisti ftehim bil-miktub li mieghu hemm anness rendikont li kienu hejjew l-istess atturi, tal-ammonti li huma jippretendu illi ghandhom jiehdu minghand il-kumpanija Main Gate Company Limited u minghand l-eccipjenti, u minghand Konrad u Nathalie konjugi Scicluna, u permezz tieghu l-partijiet kollha kienu qablu u ntrabtu reciprokament li min fosthom jirrizulta li ghad fadallu jhallas jew jirrifondi xi ammonti lil xi hadd mill-partijiet l-ohra wara li jsiru d-debiti verifiki, ikun tenut illi jeffettwa dan il-hlas jew rifuzjoni '<u>fi zmien gimgha mid-data ta' meta jigi stabbilit definittivament l-ammont hekk dovut.</u>' Illi l-verifiki ta' dan ir-rendikont huwa ezercizzju li jifforma l-mertu, fost hwejjeg ohra, tal-kawza bejn l-istess partijiet u ohrajn li ghadha *sub judice*, u li qed tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta, li tinsab differita ghas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2014. Ghaldaqstant l-eccipjenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghall-atturi;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-azzjoni attrici hija wahda fiergha u vessatorja ghall-ahhar billi l-eccipjenti ma baqalhom ihallsu ebda ammonti ta' flus lill-atturi, anzi huma l-atturi li ghandhom jirrifondu l-flus kif ser jigi pruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza. Hemm lok ghaldaqstant, u l-eccipjenti jesigu, li oltre r-rigett tat-talbiet bl-ispejjez din il-Qorti tapplika l-provvedimenti tar-regolament ghaxra subregolament wiehed (10)(1)Tariffa A Skeda A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-atturi billi tikkundannahom ihallsu l-ispejjez addizzjonali hemm ikkontemplati b'kemm jidhrilha opportun;

3. Illi fit-tielet lok u nterament minghajr pregudizzu ghall-premess kwalsiasi' ammont jew ammonti ta' flus pretisi mill-atturi jinsabu pjenament saldati, u l-eccipjenti mhuma bl-ebda mod debituri aktar fil-konfront tal-atturi, tant li kienu l-istess atturi li kienu taw il-kunsens taghhom ghall-kancellament totali u bla ebda rizerva tal-iskrizzjoni ipotekarja li kienet registrata fir-Registru Pubbliku tar-Rabat, Ghawdex, bin-numru I.232/1994, liema kancellament kien sar b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul G. Pisani tad-19 ta' Dicembru 1997;

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dokumenti, xhieda, affidavits, kontro-ezamijiet, rapporti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tad-29 ta' Novembru, 2016 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni fil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-konvenuti esebiti fl-atti filwaqt li l-atturi ma prezentawx sottomissjonijiet fit-terminu mpost fuqhom.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed isostnu li wara li huma flimkien mal-konjugi konvenuti kif ukoll mal-konjugi Konrad u Nathalie Scicluna (li mhux parti f'din il-kawza) kienu ghamlu tajjeb bil-proprjeta' taghhom ghal dejn mal-Bank of Valletta rapprezentanti facilita' ta' *over-draft* sa massimu ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000) (kuntratt esebit a fol. 32 et seq), liema facilita' ittiehdet mill-kumpanija li taghha lkoll kienu azzjonisti Main Gate Company Limited, l-atturi spiccaw hallsu huma lura d-dejn lill-Bank of Valletta meta dan ghamel *call-in* tal-istess stante li l-pagamenti kienu waqfu in vista ta' problema fit-tmexxija tal-kumpanija. Fil-fatt jirrizulta li permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo datat l-4 ta' Gunju, 1997 (fol. 4) l-atturi hallsu s-somma ta' wiehed u tletin elf hames mija u hamsa u sebghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm 31,575.75) lill-Bank of Valletta u gew surrogati fid-drittijiet kollha tal-Bank inkluz id-drittijiet ipotekarji fil-konfront tal-kumpanija u l-azzjonisti l-ohra nkluz konvenuti. Dan bl-ebda mod ma hu kontestat mill-konvenuti Camilleri anzi huwa ammess.

Illi bejn il-partijiet ukoll ma hemmx kontestazzjoni li l-ishma rispettivi fil-kumpanija Main Gate Company Limited kienu ta' 30% l-atturi, 35% il-konvenuti u 35% l-azzjonisti Scicluna. Fil-kawza odjerna l-atturi qed isostnu li sal-lum il-konvenut ghadu ma hallasx sehmu mis-somma li huma kellhom ihallsu lill-Bank of Valletta lura fl-4 ta' Gunju, 1997 ammontanti kif indikat fir-rikors guramentat taghhom ghal 35% tal-istess ammont u cioe' hdax-il elf u wiehed u hamsin Liri Maltin (Lm 11,051.51) u wiehed u hamsin centezmu ekwivalenti ghall-hamsa u ghoxrin Elf, seba' mija u tlieta u erbghin Euro u ghaxar centezmi (€25,743.10).

Il-konvenuti da parti taghhom jichdu l-pretensjonijiet tal-atturi u jsostnu li l-atturi kienu thallsu lura s-somma in kwistjoni meta nbiegh l-uniku ass tal-kumpanija u cioe' l-fond bl-indirizz 43, Main Gate Street, Victoria, Ghawdex minn fejn l-istess kumpanija kienet topera negozju ta' '*confectionary*' u dan permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Novembru, 1997 fl-atti tan-Nutar Dr. Paul George Pisani esebit a fol. 39 et seq tal-process. Il-konvenuti Camilleri, b'mod partikolari l-konvenut George Gino Camilleri fix-xhieda tieghu u fil-kontro-ezamijiet estensivi li sarulu jinsisti li dak in-nhar tal-kuntratt, fejn il-hanut inbiegh ghas-somma ta' mija u ghaxart elef liri Maltin (Lm110,000), somma mhux kontestata mill-attur, wiehed mill-ammonti li tnaqqas mid-

derivat kienet appuntu s-somma dovuta lill-konjugi Borg atturi ghall-flus li kienu hallsu huma ftit xhur qabel lill-Bank of Valletta. Ix-xhieda tal-konvenut George Gino Camilleri f'dan is-sens hija sostnuta wkoll mix-xhieda tal-azzjonist l-iehor Konrad Scicluna li wkoll xehed b'mod estensiv fl-atti u li jigi r-ragel ta' bint il-konjugi Borg atturi. L-istess Konrad Scicluna jsostni li wahda mis-somom li thallset mid-derivat tal-bejgh kienet is-somma dovuta lill-konjugi atturi Borg fuq dak li huma hallsu lill-Bank of Valletta ftit xhur qabel fil-kuntratt tal-4 ta' Gunju, 1997 (esebit fol. 4 et seq). In sostenn ta' dan gie esebit fl-atti rendikont, li b'ammissjoni tal-attur stess kien gie preparat minnu stess flimkien mal-Avukat Dr. Carmelo Galea, esebit fost ohrajn a fol. 49 et seq tal-process fejn f'dan id-dokument jidher car indikat kif isegwi:

'Payments due to George Borg:
Doc. 1 Bank of Valletta Acc. Lm32305.49….'

Fil-fatt dan id-dokument l-attur jammetti li ppreparah hu u jammetti wkoll fil-kontro-ezami estensiv tieghu li s-somma hija verament imnizzla f'dan id-dokument izda ghalkemm mistoqsi diversi drabi mill-Avukat tal-konvenuti Dr. Mario Scerri allura ghalfejn qed jinsisti li huwa ghadu ma thallasx, l-uniku raguni li nsista fuqha kienet illi dak l-ammont fuq id-dokument tnizzel darbtejn.

Illi l-Qorti gharblet sew dan id-dokument u wara li ghamlet hi stess il-kalkolu tal-ammonti ndikati bhala 'payments due to George Borg' meta maghduda flimkien dawn appuntu jammontaw ghas-somma ndikata fuq l-istess dokument ta' tlieta u sittin elf, disa' mija u tnejn u erbghin Euro u hdax-il centezmu (Lm63,942.11). Jirrizulta li fuq l-istess dokument verament l-ammont ta' tnejn u tletin elf tliet mija u hames Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm32,305.40) huwa miktub aktar 'il fuq ukoll izda f'dak l-istadju huwa appuntu ntiz sabiex jindika l-pagamenti li ghamel l-attur George Borg a favur il-kumpanija Main Gate Company Limited u aktar 'il isfel fejn rega' gie ndikat huwa ntiz bhala pagament dovut lil George Borg mill-kumpanija u l-Qorti ma tara li hemm xejn zbaljat f'dan kollu kif jipprova jaghti x'jifhem l-attur.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-istess attur George Borg fil-kontro-ezami tieghu jiddikjara u jikkonferma li dakinhar tal-kuntratt tal-bejgh tal-hanut, wara li giet iffirmata bejn l-azzjonisti l-iskrittura esebita a fol. 42 et seq tal-process li maghha huwa anness dan ir-rendikont redatt minnu, huwa rcieva s-somma ta' tlieta u sittin Elf, disa' mija u tnejn u erbghin Liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm63,942.11) flimkien mas-somma ulterjuri ta' hmistax-il elf, mija u erbgha u tletin Euro u tnejn u erbghin centezmu (Lm15,134.42) cioe' s-somma totali ta' disgha u sebghin elf, sitta u sebghin Liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm79,076.53) (ara fol. 416 tal-process). Il-Qorti tinnota li ghalkemm hija qrat u studjat kelma b'kelma l-atti kollha ta' dan il-process li huma pjuttost voluminuzi (kwazi seba' mitt pagna) imkien ma sabet ebda prova li tista' tevidenzja lilha li s-somma ta' tnejn u tletin elf, tliet mija u hames Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm32,305.40) li l-attur irceiva dakinhar tal-kuntratt u ftehim datati 19 ta' Dicembru, 1997 kienu ntizi sabiex ihallsu xi somma ohra dovuta lill-atturi u mhux dik dovuta lilhom ai termini tal-kuntratt mal-Bank datat 4 ta' Gunju, 1997. Il-ftit mijiet differenza din il-Qorti tifhem li kienu l-ispejjez tal-kuntratt tal-4 ta' Gunju, 1997

li wkoll gew imhallsa mill-attur u mizjuda minnu mal-ammont dovut lill-Bank. Il-fatt illi dakinhar stess ta' dan il-kuntratt u tal-ftehim bejn il-partijiet, il-konjugi Borg atturi taw il-kunsens taghhom ghall-kancellament tal-ipoteki kollha li huma kellhom fuq l-assi tal-kumpanija li kienet id-debitur principali ghas-somma pretiza mill-atturi kif evidenzjat b'dokumenti esebiti fl-atti (ara fol. 43 u 558) aktar isahhah il-verzjoni tal-konvenut li fil-fatt kien dakinhar li l-atturi thallsu tad-debitu li llum huma qed jergghu jippretendu l-hlas tieghu permezz tal-kawza odjerna minghand il-konvenut. In oltre l-fatt li l-Avukat Dr. Carmelo Galea, li jirrizulta li kien direttament involut fir-redazzjoni tal-iskrittura datata 19 ta' Dicembru, 1997 u l-prospett preparat mill-attur, fix-xhieda tieghu fl-atti (a fol. 583 u 584) jiddikjara li l-ftehim bejn l-azzjonisti kien appuntu ntiz sabiex George Borg jithallas tal-krediti kollha dovuti lilu mill-kumpanija jsahhah ferm aktar il-verzjoni tal-konvenuti li appuntu l-kreditu pretiz bil-kawza odjerna kien gie saldat dakinhar.

Illi mill-atti jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li ghalkemm meta originarjament giet iffurmata l-kumpanija Main Gate Company Limited kien ukoll ittiehed self iehor ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000) mill-Valletta Investment Bank jirrizulta mix-xhieda tal-azzjonisti kollha nkluz tal-attur li dan kien thallas mill-azzjonisti b'mod ugwali bejniethom billi anki ttiehed self personali mill-konvenut u l-azzjonist l-iehor Scicluna minghand il-Bank APS. M'hemmx ukoll kontestazzjoni bejn il-partijiet li mill-fondi li ghaddew mill-bejgh tal-hanut lill-konvenut Borg fl-ammont ta' disat elef, mitejn u tlieta u erbghin Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm9,243.76 fol. 51) u l-azzjonist Scicluna fl-ammont ta' ghaxart elef sitt mija u disgha u sebghin Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm10,679.71 fol. 50) il-konjugi Borg u Scicluna qatghu dakinhar stess tal-kuntratt cioe' fid-19 ta' Dicembru, 1997 is-self li kien ghadu dovut minnhom lill-Bank APS altrimenti dan tal-ahhar ma kienx ser jirrilaxxja l-hanut proprjeta' tal-kumpanija ghall-bejgh lil terzi (ara wkoll id-dikjarazzjoni tal-konvenuti fil-verbal tad-29 ta' Novembru, 2016). Giet ukoll esebita fl-atti xhieda tar-rapprezenant tal-APS moghtija fil-kawza pendenti ta' likwidazzjoni tal-kumpnaija li jikkonferma dan (fol. 672). Dawn il-flus kienu oltre l-ammont li rcevew il-konjugi Borg atturi wkoll derivanti mill-bejgh tal-immobbli.

Illi mill-atti jirrizulta wkoll li fil-mori tal-operat tal-hanut in kwistjoni li dam madwar sentejn kien ittiehed l-*over-draft* imsemmi aktar 'il fuq mill-kumpanija u li meta bdew jinqalghu d-dizgwiti bejn il-partijiet u stante li dan ma bediex jithallas, il-Bank of Valletta kien ghamel *call-in* tas-somma u l-atturi volontarjament, wara li wkoll gew ipprezentati diversi mandati kontra taghhom, kontra l-konvenuti odjerni u kontra l-konvenuti Scicluna, dahlu ghall-hlas tal-ammont mal-Bank of Valletta sabiex jigi evitat li tinqabad il-proprjeta'. Huwa ghalhekk evidenti li l-uniku ammont mhallas mill-atturi Borg lill-Bank of Valletta u li kien dovut lilhom dakinhar tal-kuntratt ta' bejgh tad-19 ta' Dicembru, 1997 kien dak indikat fil-kuntratt esebit a fol. 4 tal-process u li llum l-atturi qed jergghu jitolbu l-hlas ta' parti minnu mill-konvenuti nonostante li jirrizulta ampjament pruvat fl-atti kemm minn xhieda kif ukoll mid-dokumentazzjoni li din is-somma thalset lura lill-atturi nhar id-19 ta' Dicembru, 1997.

Illi jirrizulta wkoll fl-atti li lura fis-sena 1996 meta nqalghu id-dizgwiti bejn il-partijiet, kienet giet intavolata kawza ta' likwidazzjoni tal-kumpanija Maingate Company Limited mill-konvenuti odjerni konjugi Camilleri. Din il-kawza ghadha pendenti bejn il-partijiet sal-lum il-gurnata u kienet pendenti dakinhar li sar il-ftehim datat 19 ta' Dicembru, 1997 (fol. 47 et seq) u kien ghalhekk li fl-istess ftehim tnizzel li l-prospett anness mal-istess preparat mill-istess attur Borg kien qed jigi anness u l-flus imqassma b'dak il-mod minghajr pregudizzju. Dan izda ma jfissirx illi l-atturi Borg ma rcevewx is-somma ndikata anzi huwa ammess mill-istess attur fil-kontro-ezami tieghu li huwa zamm is-somma ta' tlieta u sittin elf, disa' mija u tnejn u erbghin Euro u hdax-il centezmu (Lm63,942.11) li mid-dikjarazzjoni tinkludi s-somma ta' tnejn u tletin elf, tliet mija u hames Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm32,305.40) indikata bhala 'Bank of Valletta Acc.' Il-fatt li kien hemm il-kawza ta' likwidazzjoni tal-kumpanija pendenti bejn il-partijiet aktar isahhah l-argument tal-konvenuti li l-atturi odjerni dakinhar tal-bejgh raw kif ghamlu u thalsu tal-krediti kollha dovuti lilhom u ma hu verosimili xejn li ftit xhur wara li hargu somma tant qawwija ta' aktar minn tletin Elf Liri Maltin (Lm30,000) li huma stess ma jinkluduhiex bhala dovuta lilhom u ma jinsistux ghaliha fl-istadju tal-bejgh fi skrittura ntiza ghall-hlas ta' dak kollu dovut lilhom, kif issa ghal xi raguni mhux nota lil din il-Qorti qed jallegaw l-atturi.
Illi jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li fl-atti tal-kawza ta' likwidazzjoni tal-kumpanija bin-numru 4/1996PC gie appuntat is-Sur Malcolm Meilak bhala likwidatur li fir-rapport tieghu lil dik il-Qorti, li kopja tieghu giet ukoll esebita fl-atti a fol. 81 et seq, jasal ukoll ghall-konkluzzjoni li l-attur Borg thallas lura dak dovut lilu nkluz id-dejn pretiz permezz tal-kawza odjerna dakinhar tal-kuntratt tad-19 ta' Dicembru, 1997. Dan jibqa' jikkonfermah ghal diversi drabi fix-xhieda tieghu anki kontro-ezami estensiv li saru fl-atti ta' din il-kawza.

Illi din il-Qorti taghmilha cara li l-analizi li hija ghamlet tar-rapport, xhieda u dokumentazzjoni relatata mal-kawza ta' likwidazzjoni tal-kumpanija li ghadha pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta hija limitata biss sabiex hija tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha dwar il-pretensjoni attrici odjerna fl-atti ta' din il-kawza u bl-ebda mod ma hija qed taghti xi tip ta' konkluzzjoni jew decizjoni dwar ir-rapport u t-talbiet f'dik il-kawza.

Illi fir-rigward tal-eccezzjonijiet imqajjma mill-konvenuti, din il-Qorti tqis li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti mhix gjustifikata fis-sens illi kieku verament irrizulta lil din il-Qorti li s-somma pretiza kienet ghadha dovuta lill-atturi, din kienet tirrizulta bhala dovuta mill-konvenut ai termini tal-kuntratt datat 4 ta' Gunju, 1997 li permezz tieghu l-atturi gew surrogati fid-drittijiet tal-bank u mhux bhala parti mil-likwidazzjoni tal-kumpanija. Dan ifisser li l-ftehim tad-19 ta' Dicembru, 1997 bejn il-partijiet li l-hlasijiet jew rifuzjonijiet isiru dovuti 'fi zmien gimgha mid-data ta' meta jigi stabbilit definittivament l-ammont hekk dovut' ma kienx ikollu applikabilita' ghall-pretensjoni odjerna fejn l-atturi dahlu fiz-zarbun tal-Bank of Valletta u mhux intavolaw il-kawza bhala azzjonisti tal-kumpanija in kwisjtoni. Ghal dawn ir-ragunijiet ser tigi michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi applikati l-fatti suesposti ghat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet fil-mertu mqajjma mill-konvenuti din il-Qorti tqis illi gie ampjament pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li d-debitu pretiz mill-atturi odjerni minghand il-konvenuti jirrizulta li gie saldat nhar id-19 ta' Dicembru, 1997 bhala formanti parti mis-somma kollha mghoddija lill-attur fl-istess data u cioe' dik ta' tlieta u sittin elf, disa' mija u tnejn u erbghin Euro u hdax-il centezmu (Lm63,942.11) flimkien ma' hmistax-il elf, mija u erbgha u tletin Liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm15,134.42). Ghaldaqstant jirrizulta li t-talbiet tal-atturi mhumiex gjustikati u ghandhom jigu michuda bit-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti jigu milqugha. Nonostante dan izda l-Qorti tqis li d-dikjarazzjoni li l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna ghandhom jithallsu mill-atturi hija sanzjoni bizzejjed fil-konfront tal-atturi ghall-fatt li ntavolaw din il-kawza b'mod frivolu u vessatorju ghall-ahhar minghajr ma kellhom l-ebda jedd ghall-pretensjoni taghhom kontra l-konvenuti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens hawn fuq deciz u tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur